



Nibnu I-Ewropa flimkien mal- Kunsilliera Lokali

Network ta' kunsilliera lokali tal-UE li jaħdmu flimkien biex jikkomunikaw dwar suġġetti relatati mal-UE

Il-proġett "Nibnu I-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali" joħloq network Ewropew ta' politiċi eletti lokalment bil-għan li jikkomunikaw dwar I-Unjoni Ewropea f'alleanza mingħajr preċedent bejn I-istrutturi tal-gvern Ewropej u lokali.

Il-proġett se jagħmilha possibbli għall-politiċi lokali biex jaħdmu flimkien u biex ixerrdu informazzjoni dwar suġġetti relatati mal-UE li jikkonċernaw lill-kostitwenti tagħhom fil-livell lokali. Se jgħin ukoll biex jagħti spinta lill-impenn u jrawwem dibattiti dwar dawn il-kwistjonijiet u l-futur tal-Ewropa. L-għan ġenerali huwa li jiġi appoġġat il-ħolqien ta' sfera pubblika tassew Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-awtoritajiet lokali biex jissieħbu fil-proġett. Huwa faċli. Kemm timla l-formola ta' applikazzjoni, tella' d-dikjarazzjoni bil-firma tal-kunsillier lokali u r-rappreżentant legali tal-awtorità lokali maħtura, u sottometti.

Ladarba jkunu membri tan-network, il-kunsilliera lokali se jidħlu f'dibattitu mal-membri tal-kostitwenzja tagħhom u/jew mal-media lokali dwar l-inizjattivi politiċi u l-miżuri ġenerali meħuda mill-UE.

Il-komunikazzjoni tal-UE fil-livell lokali hija essenzjali biex jitkompla l-momentum maħluq mill-[Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa](#) u fi ħdan il-kuntest ta' [NextGenerationEU](#).

Il-proġett huwa organizzat f'kooperazzjoni mill-qrib [mal-Parlament Ewropew](#) u [n-Netwerk Ewropew ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali](#) tal-Kumitat tar-Reġjuni.

